# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lcsafi.org


Minuti tas-seduta numru disgħa u għoxrin (29) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS), li nżammet nhar il-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2009, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi fis-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

AVŻAW LI MA SETGĦUX JATTENDU

| | |
|---|---|
| Jerome Busuttil | Kunsillier |
| Eddie Bonello | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Pietru Pawl Busuttil, **ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-minuti sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru fuq il-kopja oriġinali li xtaqu l-kunsillieri li jsiru, **u kienu approvati** u ffirmati aktar tard.

3. Dwar l-**iskema ta' ffrankar ta' enerġija**, il-KLĦS kien infurmat illi l-proposta tiegħu kienet approvata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għal dan il-għan aktar 'il quddiem iridu joħorġu l-offerti mil-KLĦS sabiex finalment titwaħħal il-*Photovoltaic panel* fuq il-bejt tal-Muniċipju ħalli nibdew niġġeneraw l-enerġija mix-xemx għall-użu tal-kumpless li jkopri bosta servizzi. Il-każ kien imsemmi wkoll fil-korrispondenza waqt li din kienet qed tinqara' mid-DSE.

4. Wara li l-KLĦS staqsa lill-kumpanija Sterling Security għal-lista ta' **ċitazzjonijiet** mogħtija fi Triq il-Kuċċard f'dawn l-aħħar xhur, li kienu maqbuda bis-*cctv camera*, dawn tawna rapport xahar b'xahar dwar dan kollu viċin il-*bring-in-site*, minn persuni li qed iħammġu billi jitfgħu l-iskart fit-triq.

5. Dwar l-**isponsor għar-restawr tan-niċċa**, l-Kunsill se jivverifika jekk l-aġenzija *Heritage Malta* għandiex restawraturi professjonali biex ikunu jistgħu jagħmlu dawn ix-xogħlijiet fuq l-istatwa ta' San Ġużepp.

6. Hekk kif jibda x-xahar ta' Ġunju, 2009, il-KLĦS se jkun attent li jiġbed l-attenzjoni tal-propjetarji ta' dawk li qed joperat it-***Tower Crane*** wara l-Knisja Parrokkjali ħalli dawn iġeddu l-istess permess li kien sar aktar kmieni. Dan se jsir billi nċemplu lil min hu responsabbli ħalli jkun kopert minn dan il-permess.

7. Wara l-laqgħa li kellna mal-Perit Robert Musumeci, dwar l-applikazzjoni għall-**ispustjar tat-*telephone box*** PA988/09, maġenb l-għassa tal-pulizija, kien konfermat li dan kien imraħħas b'€5. Dan il-każ kien trattat ukoll fil-korrispondenza li rċevejna mill-MEPA fejn dawn talbu aktar klarifiki mill-Perit R Musumeci. Sadanittant il-KLĦS se jitlob stima tax-xogħlijiet li jinħtieġ li jsiru fi Pjazza San Ġużepp għaliex kien konfermat mill-MEPA, li dak kollu li kien propost fl-istess applikazzjoni tal-Kunsill, se jkun rifondut lilna lura mill-Fond għat-Titjib Urban. Biex inkunu nistgħu napplikaw irridu nibdew billi nissottomettu l-istima tax-xogħlijiet.

8. Sfortunatament iċ-**ċertifikati ta' l-ECDL** ta' dawk li qagħadu għall-kors matul is-Sajf li għadda, għadhom ma ntbagħtux mill-Kulleġġ San Martin minkejja li ntbagħtet ittra formali lid-direttur ta' dan il-Kulleġġ.

9. Il-Viċi Sindku reġa' semma' l-proposta ta' **bandiera ta' Ħal Safi** ġewwa s-sala ta' l-Iskola biex tkun takkumpanja dik maltija. Hu qal li se naraw jekk it-taqsima tal-manutenzjoni li hija nkarigata minn dawn l-affarijiet hix lesta li tgħaddilna l-arblu.

10. Is-Sindku semma' **sqaq fi Triq tal-Karwija** li jinsab fi stat ħażin ħafna. Hu qal li bagħat talba formali permezz ta' e-mail lill-Ministru George Pullicino. Dan minn naħa tiegħu ċempillu u offrielna għajnuna permezz tas-Sur Philip Bugeja dwar din it-triq/sqaq dejjaq li jinħtieġ li jingħata lant sħiħ ta' qatran. Il-problema ewlenija f'dan is-sit hija li t-toqob magħrufa bħala *weep holes* qed iferrgħu l-ilma żejjed tax-xita minn naħa u l-bdiewa għalquhom minn naħa l-oħra. Għalhekk l-ilma akkumulat fir-raba' fil-parti l-aktar għolja joħroġ fl-isqaq u ma jkollux fejn imur għaliex dan jinġema' kollu fil-passaġġ pubbliku.

11. Il-KLĦS kien infurmat li t-**twapet kienu mixtrija** sabiex it-tfal jibda' jkollhom sezzjonijiet ta' *story telling* ġewwa l-librerija ta' Ħal Safi. Fil-jiem li ġejjin hu ttamat li l-***fire extinguisher*** mixtri għal din il-librerija jitwaħħal f'post addattat, preferibbilment f'post li ma jkunux jistgħu imissuh it-tfal. Kien ikkunsidrat illi dan jitpoġġa f'kaxxa b'wiċċ tal-ħġieġ.

12. Dwar kif il-KLĦS għandu jimxi mas-sidien li sakemm itellgħu il-plot tagħhom, qed jibnu ***hoarding wall,*** ktibna formalment lid-Direttur Gvern Lokali u bagħatna kopja lill-MEPA. S'issa għadna mingħajr risposta. Fl-ittra tlabna direttiva jekk dan jistax isir anke jekk fil-permess ta' żvilupp ma jkunx hemm ċar u tond li dan għandu jittella'. Il-Kunsill talab ukoll ikun jaf jekk hemmx bżonn permess ta' teħid ta' spazju pubbliku peress li dawn isiru fit-triq u jew il-bankina.

13. Dwar il-policy ta' **lampi ġodda tat-toroq**, is-Sindku qal li sfortunatament jidher li l-*policies* tal-Korporazzjoni Enemalta jitbiddlu malajr. Għal talbiet li saru minn dan il-Kunsill għal dawl ġdid, is-Sindku qal li twaħħlu l-lanterni fuq l-arbli u jidher li l-Korporazzjoni qed issib diffikulta' biex tgħaddi l-wires. Għalhekk dawn se jkollna ngħadduhom aħna għas-spejjeż tagħna. Dwar din l-ispiża ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-kunsillieri preżenti u għalhekk qed titqies li ġiet approvata minkejja li għadna ma nafux kemm se tiswielna u l-arbli u l-lanterni kienu diġa' mwaħħla. Intqal ukoll li m'hemmx għalfejn inħaffru t-triq għaliex fi Triq Dun Karm Lija diġa' hemm il-pajpijiet midfunin fil-bankina li faċilment jistgħu jgħaddu l-wires minnhom.

14. Il-Koptasin jidher li rranġat it-**tabelli direzzjonali** li kellha tirranġa, cioe' dawk li jindikaw Hal Safi Centre, billi dawn sarulhom modifikazzjonijiet bit-*tape/contact paper*. Dan twettaq fl-inħawi tal- Ħlantun fejn is-Sindku qal li kienet imwaħħla tabella oħra.

---

15. Għal ħabta tas-7:00pm kienet sospiża l-laqgħa tal-KLĦS sabiex tibda' l-**laqgħa pubblika** tal-lokalita' dejjem fl-istess kamra li fiha kienet qed tinżamm il-laqgħa tal-Kunsill. Infatti għal din il-laqgħa attendew biss żewġ persuni li ressqu lment formali quddiem il-KLĦS,

jew aħjar proposta biex it-**tfal tan-*nursery*** li jilħqu l-eta' ta' tlettax-il sena, jibqgħu involuti fl-isport fil-lokal. Dan għaliex dawn qed nitilfuhom billi kif jaqbżu din l-eta' dawn imorru jipprattikaw f'lokalitajiet oħrajn. Agħar minn hekk, intqal li hemm oħrajn li jaqtgħu għal kollox mil-logħoba tal-futbol. Infatti kien identifikat illi t-tfal il-kbar tan-*nursery* preżetement qed jattendu biss darba fil-ġimgħa. Kien stabbilit li Ħal Safi jinħtieġ ***ground* ikbar** minn dak li hawn maġenb il-bini Muniċipali.

16. Persuna minn dawk li attendew qal li darba kien iltaqa' ma xi ħadd tal-MFA, li kien ġie mistieden f'xi okkażjoni mill-Kunsill. Din il-persuna kienet qaltlu li hawn jinħtieġ li jkun iffurmat club ħalli jitwaqqaf team tal-11-a side. Iżda biex isir dan trid l-art u din trid preferibbilment tkun tal-Gvern. Matul il-laqgħa pubblika intqal li f'Ħal Safi hawn numru nkoraġġanti ta' tfal li jippromettu u hemm bżonn li jibqgħu integrati fil-logħoba tal-futbol u fuq kollox nibżgħu għalihom. Dan kollu fil-kuntest li jingħad ħafna tifħir lil-coaches tan-nursery maniġjata mill-KLĦS.

17. Dwar il-**ground** fejn fl-imgħoddi kien jintuża minn Ħal Safin **fil-Kawrija**, issa jidher li ħaduħ is-suldati bħala sigurta' minħabba ċ-ċentru tal-klandestini. Għalhekk issa ma jistax jintuża aktar minkejja li kien hemm min semma' wkoll dak tal-Kulleġġ San Benedittu. Hawn intqal li jekk dan jiġi mikri bi ħlas nominali, jkun jista' jintuża mill-komunita' viċina tagħna.

18. Għal dan il-għan, kien hemm proposta li **ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari** l-Onor Clyde Puli, responsabbli mill-Isport, sabiex naraw jekk jistax isir bħal ma ġara fil-każ ta' Burmarrad u ta' Ħal Luqa, li ntqal li bbenefikaw minn fondi tal-Gvern Ċentrali biex bnew grounds kbar addattati għall-11 – a side. Matul il-proposta laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, se nkunu f'pożizzjoni li nagħmlu stedina, sabiex issir laqgħa oħra mal-ġenituri ta' dawn it-tfal, ħalli dan it-talent f'Ħal Safi ma jintilifx.

19. Matul il-laqgħa pubblika kien indikat post fejn hemm kamra b'*bore-hole* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. F'dan is-sit is-Sindku qal li sfortunatmant m'hemmx wisa' biżżejjed biex ikun idejali għal ground ta' dan il-kobor minħabba t-tixtir li hemm. Is-sit indikat huwa dak **fil-Karwija**.

20. Dawn iż-żewġ persuni huma tal-fehma li Ħal Safi jkollu jkollu **team tal-kbar** jilgħab ma' l-MFA. Dan imbgħad jgħaddina għall-istadju ta' twaqqif ta' **club tal-futbol** f'Ħal Safi. Għal dan il-għan kien indikat ukoll ċentru li ntqal li huwa tal-Knisja biex fih ikunu jistgħu jinġabru dawn id-dilettanti. Infatti jekk il-Knisja tagħti l-permess tkun tista' tiġi mikrija kamra għal dan l-użu. Fi tmiem il-laqgħa pubblika kien konfermat li se nagħmlu laqgħa mal-persuna indikata minn Charles Debono u Ronnie Micallef li attendew il-laqgħa pubblika filwaqt li se ngħidu b'kollox lil Omar Schembri, il-Head Coach. Aktar tard fil-laqgħa tal-Kunsill, dawk preżenti qablu li m'għandux ikun ikkunsidrat illi partijiet mill-Muniċipju jintużaw għall-iskop fuq imsemmi, għaliex l-iskop tal-Kunsill mhux li jagħmel introjtu u jdaħħal il-flus iżda li jeduka.

21. Għal talba biex jiżdied il-ħin tal-ftuħ tal-**latrina pubblika,** is-Sindku spjega illi din fis-sajf se nżidula l-ħin tal-ftuħ biex mis-7:00pm tibda' tagħlaq fil-9:00pm.

---

22. Il-**laqgħa tal-Kunsill kompliet** madwar nofs-siegħa wara billi mill-korrispondenza inqrat proposta magħmula minn persuna li kiteb biex ikun imwaqqaf pitch tal-boċċi. Kien ikkunsidrat is-sit t'Amparell.

23. Kienet moqrija talba mill-Kap ta' l-Iskola ta' Ħal Safi biex il-Kunsill jipprovdi materjal għall-**manutenzjoni tal-bitħa ta' l-iskola.** Minn kalkoli li saru matul din il-laqgħa, l-KLĦS wasal għall-konklużjoni li l-materjal mitlub mill-Kap jammonta għal circa €2,333. Minkejja li għal Skola Sajf il-KLĦS juża l-faċilitajiet ta' l-Iskola, l-fatt li jagħti donazzjoni biex ikun jista' jsir dan, huwa kontribut sostanzjali b'risq l-iskola stess. Għal dan il-għan it-talba ma tistax tkun ikkunsidrata.

24. L-uffiċjal tal-**MEUSAC**, Ms Maria Schembri kitbitilna u qaltilna li lesta li tiltaqa' magħna. Aktar tard id-DSE se jikkomunika magħha sabiex din il-laqgħa sseħħ għal ġid tar-raħal tagħna bl-iskop li l-KLĦS jittappja fondi Ewropej.

25. Ittra oħra li rċevejna mill-Mepa kienet tittratta l-**Immaniġjar tat-Traffiku PA1467/09**, li kienet indirizzata lill-Perit tal-Kunsill, Robert Musumeci. Il-MEPA qalet li dan il-permess irid ikun deċiż mhux aktar tard mill-11 t'Awissu, 2009.

26. Stedina li saret lill-KLĦS kienet dik mill-Malta Communications Authority biex il-Kunsill jakkwista computer ri-kondizzjonat.

27. Il-kumpanija Af Sign Studio tatna stima għall-banner imsemmi fil-minuti preċedenti u se nistennew oħrajn jagħmlu l-istess ħalli nkunu f'pożizzjoni li nagħżlu l-aħjar u l-orħos.

28. Kien trattat il-punt fuq l-agenda tal-każ ta' eks Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li mill-feedback li għandu mill-Investigatur privat li bħal issa qed ikompli b'xogħol għas-sena 2006, jidher li hemm l-ammont ta' Lm3,550 li kienu misappropriati billi tħallsu bolol ta' persuna li ma kienetx fuq il-payroll tal-Kunsill. Fil-futur qrib hu ttamat li dan ir-rapport ikun f'idejna filwaqt li riesqa d-data fejn il-każ se jinstema' fil-qorti għall-ewwel darba.

29. Kienu diskussi l-***Financial Statements*** li kien ppreżentati lill-Udituri għas-sena li għalqet fil-**31 ta' Marzu, 2009**. Id-DSE qal li mill-feedback li għandu waqt l-uditjar, il-Manager Audit tal-kumpanija Dr Anthony Cassar li kienu nkarigati minn dan l-uditjar, qallu li l-Kunsill Lokali Ħal Safi matul is-sena li kienet analizzata għalaq deficit ta' €3,000, minkejja li s'issa għadhom ma kienux laħqu ħarġu r-rapporti. Id-DSE qal li l-income li daħal meta Jason Cutajar irrifonda lill-Kunsill għall-fondi misapproprijati bejn Jannar 07 u Ottubru 08, l-Udituri ikkunsidrawhom bħala 'Deferred income'. Għal dan il-għan jinħtieġ li nitkellmu magħhom sabiex il-ħlasijiet ta' l-investigatur kif ukoll ta' l-Avukat, la ma kienux jappartjenu għal din is-sena li kienet uditjata, ma jinqatgħux kollha minn din is-sena. B'hekk id-deficit ikun imqassam fuq is-sena preċedenti wkoll u mhux kif qed ikun accounted for.

30. Dwar l-applikazzjoni għal **skola sajf** jidher li nġabru mhux biss mit-tfal li jixtiequ jattendu iżda wkoll mill-għalliema li għad iridu jiġu magħżula mill-Kunsill. Huwa ttamat li dan isir fil-ġimgħat li ġejjin.

31. Il-Kunsill b'determinazzjoni se jagħmel insistenza sabiex il-proġett tal-**Immaniġjar tat-traffiku fi Triq San Ġwann k/m Triq San Pawl**, ikun imwettaq mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Dan għandu jkun kumplimentat minn miżuri ta' tisbieħ (embellishment) biex dan is-sit jieħu d-dehra li tixhraqlu.

32. F'punti oħra intqal minn Dorianne Zammit li xi ġurnata minn din il-ġimgħa jidher li l-għalliem tal-**kors tal-ġinnastika** ma ġiex. Hija ċemplet lil kulħadd biex tinforma lill-ġenituri ta' dawn iċ-ċkejknin biex ma joqgħodux jinqalgħu minn djarhom għal xejn b'xejn. Iżda sfortunatament iltaqgħet ma xi ġenituri oħrajn ġejjin bit-tfal waqt li kienet sejra d-dar u dawn qalula li kienu ħallsu lill-għalliem ammont li ma kienx jaqbel mal-figura li kienet qed titħallas fl-uffiċċju. Infatti l-ftehim kien li dawn iħallsu lill-iskrivani tal-Kunsill u mhux lilu dirett. Tant hu hekk li kienu qed jiġu aġevolati persuni aħwa u dawk li huma mir-raħal. Biex tinqata' din l-anomalija kien deċiż illi jsir head count għall-għarrieda filwaqt li jkun pubblikat receipt book manwali numerat, billi nippruvaw inġibu stimi sal-laqgħa li jmiss.

33. Kienet approvata l-**Payment Aproval Sheet numru 21**.

34. Francis Callus fakkar sabiex il-KLĦS jiżbogħ il-**linji s-sofor** maġenb il-pompa tal-petrol. Is-Sindku qal li se jara jekk dawn isirux bl-assistenza tal-gwardjan jew inkella f'ħinijiet ikkunsidrati 'kwieta' minħabba l-volum ta' traffiku u l-limitazzjoni ta' kobor tal-post biex ma' tkunx ipperikolata ħajjet il-ħaddiema tagħna.

35. Il-**laqgħa ntemmet fid-9:00pm** u li jmiss se tinżamm fil-11 ta' Ġunju, 2009.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum / /09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku